# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Novembru 2022**

**Talba Nru: 6/2022 JG**
**Numru fuq il-lista: 16**

**Burmarrad Commercials Ltd [C-13537]**

**vs**

**Leo Majdi Dufour [Nru tal-Liċenzja 211192A]**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fis-6 ta' Jannar 2022[1], permezz ta' liema s-soċjetá attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut jħallas l-ammont ta' elf, tmien mija u disgħa u erbgħin Ewro u seba' ċenteżmi (€1,849.07ċ) rappreżentanti ammont dovut fuq kirja ta' vettura, u kontravenzjonijiet relatati mal-istess, kif aħjar deskritt fl-istess Avviż.

Ra d-dokumenti annessi ma l-Avviż[2];

---

[1] A fol 1 *et seq.*
[2] Dan jinsab a fol 4 u 5 tal-proċess.

Ra r-rikors tal-20 t'April 2022[3];

Ra d-digriet tad-19 ta' Mejju 2022 fejn intlaqgħet talba sabiex jixhed rappreżentant fit-taqsima tal-Expatriates Unit fi ħdan l-Aġenzija Identity Malta[4];

Sema x-xhieda ta' Eleanor Vella D'Amato u l-faxxikolu minnha eżebit[5];

Ra li l-konvenut, għalkemm debitament notifikat[6] naqas milli jippreżenta risposta formali u li jirreġistra dehra f'dawn il-proċeduri u b'hekk ġie dikjarat li waqa' fi stat ta' kontumaċja[7];

Sema' x-xhieda ta' Sonia Sant u ra d-dokumenti minnha eżebiti[8];

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensur tas-soċjetá attriċi[9];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi mill-*iter* proċesswali hawn fuq magħmul jemerġi ċar li l-konvenut f'dawn il-proċeduri kien totalment karenti, naqas milli jsegwi d-dettami ta' żewġ regoli kardinali fi proċedimenti quddiem dan it-Tribunal u għalhekk kien kontumaċi.

---

[3] A fol 10 tal-proċess.
[4] A fol 16 tal-proċess.
[5] Xhieda magħmula waqt is-seduta tal-21 ta' Ġunju 2022. Dokument relattiva jibda a fol 25 tal-proċess.
[6] Permezz tal-proċedura t'affissjoni u pubblikazzjoni.
[7] Dan ġie hekk dikjarat fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2022.
[8] Magħmula waqt is-seduta tal-31 ta' Ottubru 2022. Dokument jinsab kollettivament mmarkat bħala Dok SS u jibda a fol 66 tal-proċess.
[9] Liema trattazzjoni ġiet debitament reġistrata u traskritta u tinsab a fol 73 tal-proċess.

Illi kif inhuwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti[10].

Illi mill-eżami tax-xhieda prodotta[11] u tad-dokumenti kollha eżebiti, jirriżulta ċar li t-talba tas-soċjetá attriċi għandha tintlaqa' fit-totalitá tagħha[12].

Illi finalment irid jingħad li huwa minnu li s-soċjetá attriċi naqset milli tindika li qiegħda titlob l-ispejjeż tal-preżenti litiġju u l-imgħax[13]. Madanakollu dan m'huwiex ta' xkiel għal dan it-Tribunal għas-segwenti raġunijiet. Għal dak li

---

[10] *Vide* f'dan is-sens dak li seħħ u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Absolute Services Limited vs Stefan Darmenia,** (Appell Ċivili (Inferjuri) Nru: 273/2019/1) deċiża fil-11 ta' Novembru 2020. Wieħed huwa wkoll mistieden r-rakkolta ġurisprudenzjali (u dak hemm deċiż) magħmula fis-sentenza fl-ismijiet **Elmo Insurance Ltd vs Sharon Briffa et**, (Tlb Nru: 86/2020 KCX) mogħtija minn dan it-Tribunal (diversament presedut) nhar is-27 ta' Jannar 2022 (mhux appellata).

[11] Dwar komportament ta' xhud, issir referenza għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Victor Borg Barthet vs Carnik Construction Limited**, (App Ċiv Nru: 1431/2002/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-13 ta' Ottubru 2008 fejn intqal hekk: *"Infatti jirrizulta li, apparti mill-affidavits inizjali, il-provi kollha nstemghu mill-gudikant li eventwalment ippronunzja is-sentenza. Konsegwentament dak il-gudikant kien f'posizzjoni ferm aktar vantaggjuza minn din il-Qorti li trid tevalwa l-provi testimonjali sempliciment a bazi tat-traskrizzjoni xotta xotta tax-xiehda. Ghandu jigi rilevat li l-ewwel Qorti li tat is-sentenza setghet tosserva kontinwament matul il-gbir tal-provi l-komportament tax-xhieda waqt li huma kienu qeghdin jiddeponu quddiemha. Huwa maghruf illi l-komportament ta' xhud waqt li huwa jiddeponi jista' jaghti hjiel tajjeb hafna lill-gudikant, attent u ta' l-esperjenza, dwar il-veracita` o meno ta' dak li l-istess xhud ikun qieghed jiddeponi. Dana l-aspett difficilment jista' jigi rifless fit-traskrizzjoni tax-xiehda izda gudikant ta' esperjenza li jkun qieghed jisma' xhud generalment ikun ghassa ghall-'body language' tax-xhud, bhal ezitazzjonijiet fil-vuci tieghu, l-espressjoni ta' ghajnejh, u movimenti li jkun qieghed jaghmel waqt li jixhed u cirkostanzi ohra li ma ssibhomx fit-traskrizzjoni tax-xiehda, liema indikazzjonijiet jghinu hafna lill-gudikant biex jasal ghad-decizjoni tieghu dwar il-veracita` o meno ta' dik ix-xiehda".* Dwar dan, wieħed huwa wkoll mistieden jara dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Salv Bezzina & Sons Limited vs Paul Borg,** (App Ċiv Nru: 1284/2007/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' Marzu 2015.

[12] Irid jingħad li waqt ix-xhieda ta' Sonia Sammut, issemma ammont li huwa aktar min dak miltub f'dan l-Avviż. Dan gie ċċarat peró għaliex ix-xhud semmiet ammont ulterjuri li kien dovut wara l-preżentata tal-Avviż odjern. Naturalment, dan it-Tribunal irid joqgħod biss dwar dak hawn mitlub.

[13] Dan kien il-pern tat-trattazzjoni tal-abbli difensur tas-soċjetá attriċi li wkoll għamlet senjalazzjoni ġurisprudenzjali ta' deċiżjonijiet preċedenti ta' dan it-Tribunal kif presjedut fuq din il-materja.

jikkonċerna t-talba għall-ispejjeż, din titqies bħala miktuba ai fini tal-artikolu 177 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[14]. Dwar l-imgħax, għalkemm dan m'huwiex mitlub fl-Avviż, it-Tribunal sejjer xorta jikkundanna dan il-ħlas u ma jistax jingħad li b'hekk ikun qiegħed jaġixxi *extra petita*[15].

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi jilqa' t-talba tal-attriċi u jikkundanna l-konvenut iħallas l-ammont elf, tmien mija u disgħa u erbgħin Ewro u seba' ċenteżmi (€1,849.07ċ) bl-imgħax legali mis-6 ta' Jannar 2022[16] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenut.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

---

[14] Dan jgħid hekk: *Il-klawsola "bl-ispejjeż" titqies dejjem bħala mdaħħla f'kull skrittura li fiha jistgħu jintalbu l-ispejjeż.*

[15] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Costantino Ablea vs George Azzopardi (App Ċiv Nru: 380/1987/1)** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-7 ta' Ottubru 2005, fejn propju aggravju fuq dan il-punt ġie miċħud.

[16] Data tal-preżentata tal-Avviż odjern.